32002D0983

17.12.2002 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 341/69

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-16 ta' Diċembru 2002

## dwar il-kontinwazzjoni ta' provi u analiżi komparattivi fil-Komunità rigward it-tnissil u t-tħawwil ta' materjal ta' pjanti *Prunus domestica* skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2002/983/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 rigward il-*marketing* ta' materjal għat-tnissil tal-pjanti tal-frott u ta' pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/112/KE ([2]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/896/KE tat-12 ta' Diċembru 2001 li tippreskrivi l-arranġamenti dwar provi u analiżi komparattivi fil-Komunità rigward il-materjal ta' tnissil ta' pjanti tal-frott skond id-Direttiva 92/34/KEE ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2001/896/KE tippreskrivi l-arranġamenti dwar il-provi u l-analiżi komparattivi li għandhom isiru skond id-Direttiva 92/34/KEE rigward il-*Prunus domestica* mill-2002 sa' l-2006.

(2) Provi u analiżi imwettqa fl-2002 għandhom jitkomplew fl-2003,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Il-provi u analiżi komparattivi fil-Komunità mibdija fl-2002 rigward il-materjal ta' tnissil u tħawwil tal-*Prunus domestica* għandhom jitkomplew fl-2003 skond id-Deċiżjoni 2001/896/KE.

Magħmul fi Brussel, nhar is-16 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 157,ta' l-10.6.1992, p. 10.
([2]) ĠU L 41, tat-13.2.2002, p. 44.
([3]) ĠU L 331, tal-15.12.2001, p. 95.